

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10948 — STORA ENSO / DE JONG PAPIER HOLDING / DJV HOLDING)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 437/05)

1. Fit-3 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerċa l-impriżi li ġejjin:

- Stora Enso AB (“Stora Enso”), ikkontrollata minn Stora Enso Oyj (it-tnejn li huma tal-Iżvezja),
- De Jong Papier Holding B.V. (“De Jong”) (in-Netherlands),
- DJV Holding B.V. (“DJV”) (in-Netherlands).

Stora Enso takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta’ De Jong u DJV kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- Stora Enso tiżviluppa, tiproduċi u toffri soluzzjonijiet u servizzi bbażati fuq l-injam u l-bijomassa għal firxa ta’ industrij u applikazzjonijiet globalment u hija, fost affarrijiet oħra, attiva fil-produuzzjoni kemm ta’ materjali tal-każijiet korrugati kif ukoll ta’ imballaġġ ikkorrugat, b'diversi impjanti ta’ produuzzjoni fiż-ŻEE kollha,
- De Jong u DJV huma prinċipalment attivi fil-produuzzjoni u l-provvista ta’ imballaġġ ikkorrugat fil-Benelux, fil-Ġermanja u fir-Renju Unit, fejn għandhom faċilitajiet ta’ produuzzjoni. Dan l-aħħar bdew ukoll il-produuzzjoni ta’ materjali ta’ kaxxi ikkorrugati rriċiklati, li jeħtieġ għall-produuzzjoni downstream tagħhom ta’ imballaġġ ikkorrugat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10948 — STORA ENSO / DE JONG PAPIER HOLDING / DJV HOLDING

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

(¹) ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠUC 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

---